# MALTA

## TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tas-07 ta' April, 2017**

**Talba numru: - 165/2015 AM3**
**Numru fuq il-Lista:- 30**

**Winston Carbone (ID 166941M)**

**'Farmhouse'**

**Sqaq il-Hwawar**

**Iklin IKL 1940**

**Vs**

**Kunsill Lokali Birkirkara**

**Tieni Sular Centru Civiku**

**Triq Tumas Fenech**

**Birkirkara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba tal-attur prezentat fil-05 ta' Marzu, 2015 li permezz tieghu l-attur talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elfejn tmien mija u sebgha u sittin ewro u disgha u disghin centezmu (€2,867.99c) spejjez ta' danni inkorsi

minnu fil-vettura tieghu meta fl-10 ta' Ottubru, 2013 meta huwa kien qed isuq bilmod il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni KBJ 342 gewwa Triq il-Wied, B'Kara meta kienet nizlet hafna xita l-vettura tieghu nizlet go hofra fonda fl-imsemmija triq li kienet mghottija bl-ilma b'mod li l-hofra ma kienetx tidher bir-rizultat li l-vettura tieghu sofriet danni estensivi fir-rota u fis-suspension tant li kellha titghabba fuq trailer tal-RMF.

Jigi rilevat li permezz ta' digriet tad-09 ta' Dicembru, 2015 it-Tribunal ordna l-korrezzjoni sabiex minflok Triq il-Wied jidhlu l-kliem "gewwa triq sekondarja bl-isem ta' Triq il-Qasab, Birkirkara."

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut (fol 7) li permezz taghha huwa eccepixxi li t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija infondata kemm fil-fatt u fid-dritt; li preliminarjament il-Kunsill konvenut mhux il-legittimu kontradittur stante li l-manutenzjoni tal-imsemmija triq ma taqax fil-mansjoni tieghu; li bla pregudizzju ghas-suespost anke li kieku l-Kunsill de quo huwa responsabbli ghall-imsemmija triq mhuwiex responsabbli ghall-imsemmi incident. Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess.

Ra l-verbal a fol 17 li permezz tieghu t-Tribunal ordna l-korrezzjoni f'isem it-triq fejn sar l-incident sabiex isem it-triq issa taqra Triq il-Qasab, Birkirkara.

Ra l-affidavit tal-attur a fol 18 et li permezz tieghu spjega li fl-10 ta' Ottubru, 2013 ghal habta tas-6.30pm kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Toyota Voltz bin-numru ta' registrazzjoni KBJ 342 gewwa Triq il-Wied, Birkirkara u matul il-gurnata kienet ghamlet xita qawwija u meta kien wasal fejn il-McDonalds kien kostrett jghaddi minn taht il-pont ta' Birkirkara gewwa Triq il-Qasab li hija triq sekondarja ghax gie devjat mill-gwardjan lokali u mis-sinjali tad-'diversion' impoggija mill-Kunsill Lokali u dan peress li kienu qed isiru xi xogholijiet fl-inhawi tal-istabbiliment ta' McDonalds Birkirkara. Huwa kien ghaddej bi speed baxx minn Triq il-Qasab li kienet imfawra bl-ilma tax-xita u l-vettura tieghu nizlet go hofra fonda li kienet mghottija bl-ilma b'mod li ma setghax jinduna biha u b'rizultat ta' dan il-vettura tieghu sofriet hsarat kbar fir-roti u fis-suspension tant li kellha titghabba fuq trailer tal-RMF biex tittiehed minn fuq il-post. Biex sewwiha huwa hallas is-somma ta' elfejn mitejn u sebgha u disghin ewro u disgha u disghin centezmu (€2,297.99c) liema hsarat saru ghan Michael Debono Limited. Huwa

kellu jikri karozza u hallas hames mija u sebghin ewro (€570) ghal kirja ta' vettura li kera minghand Percius Car Hire Limited. Huwa kiteb lil Transport Malta tramite l-avukat tieghu izda hija qaltlu li mhix responsabbli; talab lil Kunsill Lokali izda l-Kunsill cahad li t-triq taqa' taht ir-responsabilita' taghhom u ghalhekk spicca f'sitwazzjoni fejn wiehed jerga t-tort fuq l-iehor.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-attur.

Ra n-nota tal-Kunsill konvenut a fol 42 li permezz taghha l-Kunsill indika li Triq il-Wied, Birkirkara taqa' taht il-kompetenza ta' Transport Malta filwaqt li Triq il-Qasab taqa' tahtu.

Ra d-decizjoni preliminari moghtija minn dan it-Tribunal fil-25 ta' Frar, 2016 li permezz taghha dan it-Tribunal cahad t-talba tal-Kunsill konvenut sabiex iressaq eccezzjoni ulterjuri ta' nullita` stante li t-talba tal-attur ma gietx preceduta b'ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 460(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar, 2016 a fol 57 li permezz tieghu l-Kunsill konvenut informa lit-Tribunal li t-trinka mertu ta' din it-talba hi r-responsabilita` tan-"National Flood Relief Programme" li jaqa' taht il-kompetenza tal-Ministeru tal-Infrastruttra u t-Tribunal ordna li l-istess jigi kjamat fil-kawza.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali Dipartiment tax-Xogholijiet l-Infrastruttura fi hdan il-Ministeru Trasport u l-Infrastruttura ( fol 68 et) li permezz taghha eccepixxa li t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija nfondata kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt; li preliminarjament d-Dipartiment mhux il-legittimu kuntradittur stante li qatt ma ghamel xoghol fit-triq mertu ta' din il-kawza; li l-fatt li kien hemm devjazzjoni ma jfissirx li tali devjazzjoni hija responsabbilita' tad-Dipartiment; li d-Dipartiment mhux responsabbli ghal manutenzjoni tat-triq in kwistjoni fejn sar l-incident; ghaldaqstant t-talba kontra d-Dipartiment ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Fl-affidavit tieghu, Neil Spiteri impjegat mal-Kunsill Lokali Birkirkara xehed (fol 74) li minn investigazzjoni li ghamel irrizultalu li t-trinka li l-attur qed jghid li waqa' fiha kienet saret mid-Direttur Generali ghax-Xogholijiet u dana b'relazzjoni man-National

Flood Relief Project u ghalhekk il-Kunsill Lokali Birkirkara ma kellu l-ebda involvement fit-twettiq ta' dan l-progett u mal-istess trinka.

A fol 75 xehed il-Perit Karm Mifsud, Project Leader ta' National Flood Relief Project li kkonferma li d-Dipartiment taghhom tax-Xogholijiet kien qabbad kuntrattur biex jaghmel ix-xogholijiet li ghandhom x'jaqsmu man-National Flood Relief Project u li l-kuntratturi kienu BM Tunnel Joint Ventures u kellhom xogholijiet fi Triq il-Wied bejn it-30 ta' Settembru u l-04 ta' Novembru, 2013. Xehed ukoll li l-Kunsill Lokali Birkirkara kien involvut biss li jaghti l-clearances meta jitolbu l-permessi biex jifthu t-trinek fit-toroq.

L-istess Perit xehed permezz ta' affidavit a fol 79 li l-incident sar fi Triq il-Qasab fejn ma sar l-ebda xoghol in konnessjoni man-National Flood Relief Project u ghaldaqstant huma mhux responsabbli ghal dak li kien hemm f'din it-triq. Huwa kkonferma li dak li gara lill-attur kien minhabba li saret diversion ta' parti mit-traffiku da parti tal-Kunsill konvenut.

A fol 81 xehed Alexis Bonnici Direttur ta' Bonnici Brothers li l-kumpanija giet imqabda taghmel xogholijiet fi Triq il-Wied, Birkirkara u li Triq il-Qasab ma hiex inkluza fil-progett tan-National Flood Relief Project. Hija prezentat dokumenti li juru li kien hemm tabelli numri 6 u 7 li jghidu "Triq il-Wied ta' Birkirkara Closed to Traffic' u 'No Entry' u dawn bl-ebda mod ma kienu devjazzjonijiet. L-unici devjazzjonijiet kienu dawk li gew indikati mill-Awtorita` ta' Trasport f'Malta skont tabelli 4 u 5 mnizzla fil-permess approvat.

Ra d-dokumenti esebiti mill-istess xhud.

Thomas Debono a fol 104 permezz ta' affidavit xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' Manager fit-Traffic Management and Road Safety Department fi hdan Transport Malta li spjega l-procedura rigward il-hrug ta' permessi magguri fejn ikun hemm involut set up partikolari ghall-immaniggjar tat-Traffiku.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Ra l-verbal a fol 105 li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi.

Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet kollha f'din il-kawza.

Ikkunsidra

Rigward il-fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u cioe` li fl-10 ta' Ottubru, 2013 waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu li ghandha numru ta' registrazjoni KBJ 342 fi Triq il-Qasab, Birkirkara meta t-triq kienet imfawra bl-ilma tax-xita l-vettura nizlet go hofra fonda cioe` trinka mghottija bl-ilma u l-vettura sofriet danni estensivi li jammontaw ghal elfejn tmien mija sebgha u sittin ewro u disgha u disghin centezmu (€2,867.99c) ewro li jikkonsistu fis-somma ta' elfejn mitejn u sebgha u disghin ewro u disgha u disghin centezmu (€2,297.99c) biex sewwiha ghand Michael Debono Limited u hames mija u sebghin ewro (€570) ghal vettura li kera minghand Percius Car Hire Limited.

Li ma hemmx qbil huwa dwar ta' min hi l-htija jekk hux tal-Kunsill konvenut jew tad-Direttur tax-Xogholijiet. Il-Kunsill jikkontendi li t-trinka kienet saret mid-Direttur Generali ghax-Xogholijiet u dana b'relazzjoni man-National Flood Relief Project filwaqt li d-Direttur Generali kjamat fil-kawza jikkontendi li ebda xogholijiet ma saru fi Triq il-Qasab u jekk kien hemm devjazzjoni dakinhar tal-incident dan ma jahtix ghaliha hu.

Bhala konsiderazzjonijiet legali dwar danni t-Tribunal jaghmel referenza ghas-segwenti:

Skont l-Art 1031 tal-Kodici Civili "*Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu u allura kif ritenut gar ma jistax jehles mir-responsabilita` li jnehhi l-kawza ta' hsarat fil-fond tieghu anke jekk ghal tali hsarat jkun qed jikkontribwixxi l-fatt ta' haddiehor*. **(Gatt Henry vs Camilleri Charles Prim'Awla per Sciberras 28/1/04)**

Art 1032 tal-istess, jistipula: '*Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tighu ma juzax il-prudenza d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja'.*

Gie ritenut li biex iwaqqa` il-presunzjoni tal-htija l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi:

a) l-accident jew il-fortuwitu bhala kawza ta' hsara; u

b) n-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u mmedjata tal-hsara. **(App Inf per Sciberras 23/6/04 Vella Giovanni et vs Cilia Michael sentenza parzjali).**

Huwa principju pacifikament ricevut f'materja ta' danni li "biex ikun hemm lok ghar-responsabilita` tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferit (**Kollez XXX Vbol. pIII p 142)**

Jinhtieg li jigi pruvat li l-konvenut kolpozament u negligentement ma hax il-prekawzjonijiet ta' bonus paterfamilias mistennija minnu biex jassigura li ma jigux kawzati d-danni li effettivament graw fil-fondi vicini.

Il-fatt biss tad-dikjarazzjoni jew ammissjoni tar-responsabilita` ghad-danni ma jfissirx ta' bilfors li d-danneggjant ghandu jaghmel tajjeb ghal kull dannu pretiz. Hu pacifiku li l-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu imma mhux aktar minn hekk (**Kollez vol L pl p150)**

Issa mill-provi jirrizulta wkoll li Triq il-Qasab, Birkirkara hija triq sekondarja li taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill konvenut u li dakinhar tal-incident veru li t-traffiku minn Triq il-Wied gie devjat ghal Triq il-Qasab. Min haffer din it-trinka ma jirrizultax mill-provi u kif lanqas ma l-Kunsill ipprova li ha l-prekawzjonijiet kollha dakinhar tal-incident wara li ghamlet hafna xita sabiex jaghmel sinjali li juru lis-sewwieqa u anke lil pedestrians, ghaliex le, li hemm t-trinka fit-triq.

Illi mill-provi rrizulta wkoll li l-kjamat in kawza ma kellu x'jaqsam xejn max-xogholijiet fi Triq il-Qasab, Birkirkara u li ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux ghazla ohra ghajr li jiddikjara u jiddeciedi li l-Kunsill Lokali konvenut huwa responsabli ghad-danni kawzati lill-attur b'dan l-incident mertu ta' dawn il-proceduri.

Dwar il-quantum tad-danni, ghalkemm it-Tribunal jirrileva li l-attur seta' gab prova ta' awtencita' tal-ircevuti esebiti izda kif gie ritenut mill-**Qorti tal-Appell Sede Inferjuri**

**per Imh Gino Camilleri fis-sentenza tat-08 ta' Novembru, 2013 fl-ismijiet Angelo Crocetta vs Auto Sales Limited**, kkonferma li t-Tribunal irid statutorjament jigwida ruhu minn principji ta' ekwita' izda dawn jippresupponi prova li jekk ma tkunx forsi ghal kollox preciza, turik imma b'indikazzjonijiet car, x'titlob il-gustizza u li f'sede civili l-prova mressqa minn min imiss li jaghmel dan mhux necessarjament tkun ta' certezza assoluta izda prova trid xorta ssir u li hawn huwa bizzejjed prova fuq bazi ta' probabilitajiet u meqjuz dak id quo prelumque accidit imma l-prova trid issir.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux dubju dwar id-danni sofferti fil-vettura tal-attur u l-ammont ta' danni subiti kif juru l-ircevuti li hallas minghand min sewwielu l-vettura Michael Debono Limited, cioe` fl-ammont ta' elfejn mitejn sebgha u disghin ewro u disgha u disghin centezmu (€2,297.99c) izda ma jistax jghid l-istess ghal pretensjoni tal-attur dwar kiri ta' karozza fl-ammont ta' hames mija u sebghin ewro (€570) u dana stante li l-ircevuta fiskali li huwa pprezenta hija datata 11 ta' Ottubru, 2013 (fol 29) cioe` l-ghada tal-incident filwaqt li kopja tac-cheque a fol 30 esebit mill-attur l-ewwelnett jirrizulta li tali pagament sar minn Commercial Investments Limited u mhux mill-attur u t-tieni tali pagament sar fit-30 ta' Ottubru, 2013.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-Kunsill Lokali konvenut huwa responsabbli ghad-danni kawzati lill-attur; li l-kjamat fil-kawza ma hux responsabbli ghal tali danni u jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' elfejn mitejn u sebgha u disghin ewro u disgha u disghin centezmu (€2,297.99c) u jordna lil Kunsill Lokali Birkirkara sabiex ihallas is-somma ta' elfejn mitejn u sebgha u disghin ewro u disgha u disghin centezmu (€2,297.99c) lill-attur u bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) dekoribbli millum.

L-ispejjez kollha a karigu tal-Kunsill Lokali Birkirkara.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**